



Noti ta' spjegazzjoni (test ta' preżentazzjoni fil-qosor)

1) 'Ħaffef il-Piż'

2) Mard muskuloskelettali huwa prijorità għall-UE. L-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona jipprovdu mhux biss għar-rata ta' attività ta' impjieg ta' 70% sa l-2010, iżda wkoll il-ħolqien ta' aktar xogħolijiet u xogħolijiet aħjar fl-Ewropa. Indirizzar ta' l-MSDs, il-problema prinċipali fl-Ewropa tas-saħħa relatata max-xogħol jikkontribwixxi għal kiswa ta' dan l-għan. L-istrateġiji tal-Komunità dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jidenifikaw ukoll l-MSDs bħala prijorità.

Statistiċi mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (ir-4 Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol, 2005) juru li *kważi 24% tal-ħaddiema ta' l-UE 25 jirrapportaw li jsofru minn uġiegħ fid-dahar u 22% jilmentaw minn uġiegħ muskolari. Iż-żewġ kondizzjonijiet huma iktar prevalenti fl-Istati Membri l-ġodda, b'39% u 36% rispettivament. Madwar 62% tal-ħaddiema esposti għal kwart tal-ħin jew akter għal movimenti repetitivi ta' l-id jew id-dirgħajn, 46% għal pożizzjonijiet ta' uġiegħ jew ta' għejja u 35% li jgħorru jew imexxu tagħbijiet tqal.*

3) MSDs relatati max-xogħol huma ħsara ta' strutturi korporali bħalma huma l-muskoli, ġogi, ħjut tal-ġisem, ligamenti u nervjaturi jew sistemi taċ-ċirkolazzjoni tad-demem lokalizzati li huma kkawwżati jew aggravate primarjament mill-prestazzjoni tax-xogħol u mill-effetti ta' l-ambjent tal-madwar fejn ikun qed isir ix-xogħol.

Din il-ħsara taffettwa b'mod prinċipali d-dahar, l-għonq, l-ispallejn u l-parti ta' fuq tad-dirgħajn, iżda wkoll il-partijiet ta' isfel tad-dirgħajn. Xi MSDs, bħas-sindromu tal-carpal tunnel fil-polz huma mogħtija isem minħabba s-sintomi bendefiniti tagħhom. MSDs oħra m'humieq speċifiċi minħabba uġiegħ jew smomdità li teżisti mingħajr l-ebda evidenza ta' ħsara ċara.

L-MSDs l-aktar relatati max-xogħol huma ħsara kumulattiva li tirriżulta minn espożizzjoni ripetittiva għal intensità għolja jew baxxa ta' tagħbijiet fuq perjodu żmien twil ta' żmien. Minkejja dan, l-MSDs jistgħu jkunu wkoll trawmi akuti bħalma huma fratturi li jiġru waqt inċident.

Fatturi tar-riskju jistgħu jaħdmu b'mod separat, iżda r-riskju li jiżviluppaw l-MSDs huwa akbar jekk diversi fatturi tar-riskju jattwaw flimkien. Il-fatturi jistgħu jiġu maqsuma fi 3 gruppi: l-fiżiku; l-organizzazzjonali u l-psikosoċjali; u dawk li jirrelataw ma' l-individwi.

Eżempji ta' dawn ir-riskji huma:

- Fiżiċi – forza, movimenti ripetittivi, vibrazzjoni, pożizzjonijiet skomdi
- Organizzazzjonali – awtonomija baxxa/sodisfazzjoni tax-xogħol baxx, xogħol ripetittiv b'pass mgħaġġel
- Individwali – storja medika, kapacià fiżika, età

4) 'Ħaffef il-piż' hija kampanja ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol sabiex jiġu indirizzati MSDs fuq il-post tax-xogħol fl-2007. Il-Presidenzi ta' l-UE tal-Ġermanja u l-Portugall fl-2007, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-imsieħba soċjali Ewropej kollha jsostnu l-kampanja. 'Ħaffef il-piż' tilħaq il-quċċata tal-Ġimgħa Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol mit-22 sas-26 ta' Ottubru 2007.

Kampanji Ewropej ilhom għaddejja mill-2000 bħala serje ta' avvenimenti annwali sabiex tiġi promossa s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-kampanja għandha



Ħames għanijiet strateġiċi: qawmien ta' kuxjenza, provdiment ta' informazzjoni, żvilupp u provdiement ta' aċċess għar-riżorsi, inkoraġġiment ta' attivitajiet li għandhom impatt fuq il-post tax-xogħol u l-identifikazzjoni u l-għarfien ta' Prattika tajba. L-MSDs kienu wkoll is-suġġett ta' kampanja Ewropea ta' l-2000, "Aħrab l-MSDs".

5) Ħaffef il-piż issostni l-approċċ maniġerjali integrat għall-indirizzar ta' MSDs, li jinkludi kemm il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' problemi muskuloskeletalni u ż-żamma ta' ħaddima b'MSDs fuq ix-xogħol. Dan jemfasizza l-kunċett ta' "ġestjoni tal-piż" li tkopri l-isforzi negattivi kollha li jkollu l-ġisem, kif ukoll il-piż li qed jinġarr. Stress, kondizzjonijiet tax-xogħol fil-kesħa u l-pass tax-xogħol, fost oħrajn, jistgħu jikkontriwixxu kollha kemm huma għall-iżvilupp ta' sforzi negattivi. Għalhekk, huwa importanti li tiġi evalwata l-linja kollha ta' riskji MSD u jiġu indirizzati b'mod komprensiv.

Il-Kampanja Ewropea timmira wkoll għas-sostenn taż-żamma, rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema li diġa' jsofru minn MSDs. Huwa ta' importanza partikolari r-rwol tas-sostenn soċjali u organizzazzjonali li jippermetti lil ħaddiema jmoru lura x-xogħol u sussegwentement iżommu l-impjieg meta jgħaddu minn MSDs.

6) Kollha kemm aħna naqsmu r-responsabbiltà għall-indirizzar ta' MSDs: Bħala dawk li jħaddmu; ħaddiema u r-rappreżentanti tas-sigurtà tagħhom; il-gvern; istituzzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà; u dawk li jfasslu l-politika.

Dawk li jħaddmu huma legalment marbuta li jevalwaw ir-riskji tal-post tax-xogħol u jaġixxu sabiex tiġi assigurata s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Iżda huma għandhom jagħmlu aktar milli jilħqu l-obbligi legali tagħhom biss. Dawk li jħaddmu għandhom jagħtu eżempju u juru impenn sħiħ lejn is-saħħa u s-sigurtà. Dan huwa fl-interess ta' min iħaddem: Ġestjoni tajba tas-sigurtà hija tajba għan-negozju u hija karatteristika ta' organizzazzjonijiet effiċjenti.

Is-sigurtà ma tiddependix biss fuq min iħaddem – il-ħaddiema għandhom responsabbiltà wkoll sabiex jikkooperaw sabiex jiproteġu rwieħhom u l-kollegi tagħhom. L-involviment tal-ħaddiema huwa essenzjali fl-indirizzar tal-perikli fuq il-post tax-xogħol – huma jafu l-post tax-xogħol aħjar minn kulħadd. Il-ħaddiema għandhom jirċievu informazzjoni u taħriġ dwar l-MSDs għalhekk jafu jevitaw perikli u riskji speċifiċi.

Rappreżentanti tas-sigurtà, gvernijiet, istituzzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà u dawk li jfasslu l-politika kollha għandhom rwol importanti.

7) Tista' ssir tkun taf aktar dwar il-Kampanja ta' Ħaffef il-Piż fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea fuq: <http://ew2007.osha.europa.eu>, u aktar dwar l-MSDs fuq: <http://osha.europa.eu/msds>